32000D0084

L 26/18 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 2.2.2000

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Diċembru 1999

li temenda d-Deċizjoni 1999/276/KE li tippreskrivi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura li joriġinaw mill-Mauritius

(notifikata bid-dokument numru C(1999) 4755)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2000/84/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tippreskrivi l-kondizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/79/KE [2], u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

Billi:

(1) l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/276/KE tat-23 ta' April 1999 li tippreskrivi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura li joriġinaw mil-Mauritius [3], tgħid illi "Servizzi Uffiċjali Veterinarji (SUV) tal-Ministeru ta' l-Agrikoltura, Sajd u Kooperattivi" għandha tkun l-awtorità kompetenti fil-Mauritius sabiex tivverifika u tiċċertifika l-konformità ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura mar-rekwiziti tad-Direttiva 91/493/KEE;

(2) wara ristrutturar fl-amministrazzjoni tal-Mauritius, l-awtorità kompetenti dwar iċ-ċertifikati ta' saħħa għal prodotti tas-sajd (SUV) tbiddlet għal Diviżjoni tas-Servizzi Veterinarji (DSV) tal-Ministeru ta' l-Agrikoltura, Teknoloġija ta' l-Ikel u Riżorsi Naturali. Din l-awtorità ġdida hija kapaċi li tivverifika b'mod effettiv l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ. Huwa għaldaqstant neċessarju li tkun modifikata n-nomina ta' l-awtorità kompetenti fid-Deċizjoni 1999/276/KE u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa inkluż fl-Anness A ta' din id-Deċizjoni;

(3) il-mizuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 1999/276/KE għandha tkun modifikata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

   "Artikolu 1

   Id-Diviżjoni tas-Servizzi Veterinarji (DSV) tal-Ministeru ta' l-Agrikoltura, Teknoloġija ta' l-Ikel u Rizorsi Naturali għandha tkun l-awtorità kompetenti fil-Mauritius sabiex tivverifika u tiċċertifika l-konformità ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura mar-rekwiziti tad-Direttiva 91/493/KEE."

2. Il-punt 2 ta' l-Artikolu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

   "2. Iċ-Ċertifikati għandhom juru l-isem, kariga u firma tar-rappreżentant tad-DSV u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar f'kulur differenti minn dak ta' endorsjar ieħor."

3. L-Anness A għandu jiġi sostitwit bl-Anness ma' dan.

Artikolu 2

Din id-Deċizjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.
[3] ĠU L 108, tas-27.4.1999, p. 52.

ANNESS

"ANNESS A

ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA

għal prodotti tas-sajd u l-akwakultura li joriġinaw mill-Mauritius u maħsuba għal esportazzjoni lill-Komunità Ewropea, minbarra molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar f'kull forma

Numru ta' Referenza: .....

Pajjiz li jibgħat: Il-MAURITIUS

Awtorità Kompetenti: Diviżjoni tas-Servizzi Veterinarji (DSV) tal-Ministeru ta' Agrikoltura, Teknoloġija ta' l-Ikel u Riżorsi Naturali

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

— Deskrizzjoni ta' prodotti tas-sajd/akwakultura ([1]): .....

— speċi (isem xjentifiku): .....

— preżentazzjoni tal-prodott u tip ta' trattament ([2]): .....

— Numru tal-kodiċi (meta disponibbli): .....

— Tip ta' ippakkjar: .....

— Numru ta' pakketti: .....

— Piż nett: .....

— Temperatura mehtieġa tal-ħażna u t-trasport: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem/ismijiet u numru/numri uffiċjali ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbiliment/i, bastiment/i fabbrika jew maħżen/imħażen tal-kesha approvati jew bastiment(i) tal-friza reġistrati permezz tar-reġistrazzjoni DSV għal esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea: .....
.....
.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-Prodotti intbgħatu

minn: .....
(post mnejn intbgħatu)

għal: .....
(pajjiz u l-post ta' destinazzjoni)

bil-mezz/i ta' trasport li ġej/jin: .....

Isem u indirizz ta' min qed jibgħat: .....
.....
.....

Isem tal-kunsinnatarju u indirizz fil-post ta' destinazzjoni: .....
.....
.....

IV. **Ċertifikat ta' saħħa**

— L-ispettur uffiċjali qiegħed hawnhek jiċċertifika illi l-prodotti tas-sajd u l-akwakultura speċifikati hawn fuq:

1. inqabdu u ġew maniġġjati fuq bastimenti skond ir-regoli ta' saħħa preskritti fid-Direttiva 92/48/KEE;

([1]) Hassar fejn jixraq.
([2]) Ħajjin, refriġerati, iffrizati, immellħin, affumikati, priservati, eċċ.

2. tniżżlu l-art, ġew maniġġjati u fejn approprjat ippakkjati, ippreparati, ipproċessati, iffriżati, thallew jinhallu u nħażnu b'mod iġjeniku f'konformità mar-rekwiziti preskritti f'Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

3. ghaddew minn kontrolli ta' sahha skond il-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

4. huma ippakkjati, immarkati, maħzuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

5. ma jiġux minn speċi tossiċi jew speċi li fihom bijotossini;

6. ghaddew b'mod sodisfaċenti minn spezzjonijiet organolettiċi, parasitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi preskritti ghal xi kategoriji ta' prodotti tas-sajd bid-Direttiva 91/493/KEE u bid-deċizjonijiet ta' implimentazzjoni li hemm fiha.

— L-uffiċjal hawn taht iffirmat qieghed hawn jiddikjara li huwa jaf bid-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, tad-Direttiva 92/48/KEE u tad-Deċiżjoni 1999/276/KE.

Magħmul fi ..... , fil- .....
(Post) (Data)

Timbru Uffiċjali (3)

.....
Firma ta' l-ispettur uffiċjali (3)

.....
(isem b'ittri kbar, kariga u kwalifiki tal-persuna li tiffirma)

(3) Il-kulur tat-timbru u l-firma ghandu jkun differenti minn dak tad-dettalji fiċ-ċertifikat.